# 26. Kampnar Aħdar

Fuq għolja f'xatt il-baħar,
imtarrfa, waħdenija,
minn jasal minn filgħodu
u jibqa' sa fl-għaxija,

Jisma' daqqiet u moti
ta' qniepen bil-mijiet,
u jara kampnar għoli,
ħadran fl-irdumijiet.

Fiż-żmien dal-kampnar għoli
kien siġra tal-ballut;
summiena elf sena ilu
żergħatha f'daw' l-ixtut;

L-għasafar, illi jaslu
minn artijiet fil-bogħod,
bidluha f'kampnar aħdar,
biż-żmien bil-mod il-mod.

Is-sebħ ferħan li jidher
fix-xefaq bit-tbissim
jaqla' minn din is-siġra
tal-jum l-ewwel tislim;

U l-mota filgħaxija
tibqa' sal-aħħar tnin,
sakemm kwiekeb u msiebaħ
ifiġġu geġwiġin.

Fejn hu dal-kampnar għoli
li jħaddar fuq ix-xatt?
Għalxejn, ta' xejn tistaqsu,
għax jiena ma ngħid qatt!

Biex jum ma mmurx u nisma'
bil-mod il-mod tisfir,
u nara mansab moħbi
kull tant inħoss xi tir!